# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 2.1

## Kap 2: Qatt Ma Jien Waħdi

## Lezzjoni 2.1 Kif ngħaddiu l-ġurnata

### L-Għanijiet:

### L-istudenti:

1. Jagħrfu kif iqattgħu l-ġurnata tagħhom.

2. Jiddiskutu l-ġurnata tal-ġenituri tagħhom (pe. L-omm – meta tkun ix-xogħol u d-dar).




### Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:

- L-istorja – Mid-Djarju ta' Sara



## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

1. Ibda billi tispjega: Mindu tlajna fit-tielet klassi, ix-xogħol tal-iskola beda jitqal xi ftit u l-istudju żdied ukoll. Biex nitgħallmu u nifhmu jeħtieġ li nkomplu nagħmlu l-*homework* u jekk irridu li nsiru tajbin fil-lingwi, irridu nżidu l-qari wkoll.

2. Stieden it-tfal jisimgħu x'tagħmel Sara wara li tiġi mill-iskola.



## Nisimgħu flimkien - Il-qafas tal-lezzjoni



1. Iddiskuti din l-istorja mat-tfal.

2. Ħalli lit-tfal jgħidu x'jaħsbu.

3. Spjega kif il-ħajja ta' Sara hija tipika għal ta' ħafna studenti oħra tal-età tagħha.

4. Stieden lit-tfal jaqsmu flimkien kif iqattgħu l-ġimgħa meta jkunu l-iskola u fil-*weekends.* Tajjeb li filwaqt li l-għalliem jagħti spazju u ħin biżżejjed biex l-istudenti jesprimu lilhom infushom, hu joħroġ bis-siwi li t-tfal iqattgħu *quality time* ma' min jieħu ħsiebhom u għalkemm huma jattendu l-iskola, il-ħajja mhijiex studju biss.

5. Issuġġerixxi, bħala konklużjoni għal din id-diskussjoni, biex l-istudenti joħolqu *time-table* mit-Tnejn sal-Ħadd u permezz tagħha jqassmu ħinhom sew. Tkun ħaġa sabiħa jekk din l-attività ssir mal-ġenituri. It-*time-tables* jistgħu jsiru kopji tagħhom u jitwaħħlu fil-klassi.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Il-ġurnata hija wisq mimlija u allura tajjeb li nagħrfu nqassmu l-ħin sew ħalli jkollna ċans nistudjaw, nilagħbu u ngħinu.
2. Meta l-ġenituri jaħdmu tajjeb li nagħmlu dak li għandna nagħmlu ħalli jkollna ċans inkunu kemm nistgħu magħhom.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jagħrfu li issa li qegħdin jikbru, ma jistennewx li ħaddieħor jaqdihom dejjem imma jkunu lesti li huma wkoll joffru u jagħtu l-għajnuna tagħhom.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

**L-għalliema hi libera li ssib xi mod ta' ċelebrazzjoni hi stess.**



**Nitolbu**

Ġesù, meta kont għadek tifel min jaf kemm għent lil ommok Marija u 'l Ġuzeppi f'dak kollu li kellhom bżonn. Għinni ħalli nqassam ħini sew għall-ġid tiegħi u tal-oħrajn.

